VERŻJONI ELETTRONIKA

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 20,064, 2 ta' Ottubru, 2018
Taqsima B

A.L. 314 tal-2018

ATT DWAR L-INTRAPRIZA TA' MALTA (KAP. 463)

Regolamenti tat-2018 dwar Assistenza għall-Konsulenza ta' Servizzi ta' Negozju

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 5 tal-Att dwar l-Intrapriża ta' Malta, il- Ministru għall-Ekonomija, Investiment u Intrapriżi Żgħar, wara konsultazzjoni mal-Korporazzjoni dwar l-Intrapriża ta' Malta, għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu u bidu fis-seħħ.

1. (1) It-titolu ta' dawn ir-regolamenti huwa Regolamenti tat-2018 dwar Assistenza għall-Konsulenza ta' Servizzi ta' Negozju.

(2) Dawn ir-regolamenti għandhom jitqiesu li daħlu fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2018.

Tifsir.

2. F'dawn ir-regolamenti, sakemm ir-rabta tal-kliem ma teħtieġx xort'oħra:

Kap. 463.

"l-Att" tfisser l-Att dwar l-Intrapriża ta' Malta;

"impriża eliġibbli" tfisser impriża skont it-tifsira mogħtija fl-Att li tissodisfa l-parametri stabbiliti fil-Linji Gwida;

"il-Korporazzjoni" tfisser l-Intrapriża ta' Malta mwaqqfa taħt l-Att;

"Linji Gwida" tfisser dawk il-linji gwida li jistgħu jiġu pubblikati mill-Korporazzjoni minn żmien għal żmien skont l-Att.

Għajnuna biex tappoġġja impriżi eliġibbli.

3. Meta l-Korporazzjoni tkun sodisfatta li l-impriża hija impriża eliġibbli, il-Korporazzjoni tista' tipprovdi lil dawn l-impriżi assistenza sa massimu ta' elfejn u ħames mitt euro (€2,500) biex ikopru spejjeż ta' konsulenza akkwistata minn terzi persuni skont it-termini u l-kondizzjonijiet stabbiliti fil-Linji Gwida.

Forma tal-għajnuna.

4. Il-Korporazzjoni tista' tagħti għajnuna taħt dan ir-regolament bħala għotja ta' flus jew kreditu ta' taxxa.

Kreditu ta' taxxa.

5. Il-kreditu ta' taxxa msemmi f'dan ir-regolament ikun dovut bħala tnaqqis mit-taxxa li titħallas fuq id-dħul taxxabbli tal-impriża li jiġi mill-kummerċ jew min-negozju tagħha għal dik is-sena bażi, stabbilita skont it-termini u kundizzjonijiet stabbiliti fil-Linji Gwida. Meta l-kreditu ta' taxxa, għal dik is-sena bażi, jeċċedi t-taxxa

VERŻJONI ELETTRONIKA

dovuta fuq id-dħul minn dik l-impriża, l-eċċess fil-kreditu ta' taxxa għandu jitħalla jingħadd ma' dak għas-sena ta' wara u jkun meqjus bħala kreditu ta' taxxa għal dik is-sena:

Iżda l-kreditu ta' taxxa ma għandux ikun jagħti lok għal dritt ta' rifużjoni ta' taxxa:

Iżda wkoll il-kreditu ta' taxxa għandu jintuża sas-sena bażi stabbilita skont it-termini u l-kundizzjonijiet stabbiliti fil-Linji Gwida.

Skadenza għas-sottomissjoni tal-applikazzjonijiet.

6. Applikazzjonijiet għall-għajnuna taħt dawn ir-regolamenti għandhom jaslu għand il-Korporazzjoni sa' mhux aktar tard mil-31 ta' Diċembru 2020.